L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU, MALTA. No. 124 01.05.2007



**KUNSILL TAL-FORMAZZJONI**

## Seminar dwar il-vokazzjonijiet

*Nhar is-Sibt, 28 ta' April 2007, il-Kunsill tal-Formazzjoni organizza Seminar ieħor għall-Aħwa tal-Provinċja, f'Porziuncola Retreat House, Baħar iċ-Ċagħaq. It-tema prinċipali kienet dwar il-vokazzjonijiet.*

Il-laqgħa bdiet b'mument ta' talb u li fiha kien inkuż il-messaġġ tal-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' talb għall-vokazzjonijiet li kien jaħbat ukoll fi tmiem il-ġimgħa. Fl-ewwel sessjoni Ms. Joyce Guillaumier għamlet diskors interessanti dwar x'jistennew il-lajċi minna r-reliġjużi. (Diskors sħiħ jidher fil-paġni ta' din il-ħarġa). Fit-tieni parti, Fra Joseph Magro, OFM, promutur għal-vokazzjonijiet fi ħdan il-provinċja għamel rapport tal-ħidma tiegħu għal dawn is-sentejn. Wara saret diskussjoni bejn l-aħwa u ħarġu diversi ideat x'jista' jsir għall-futur. Imbagħad Fra Joseph Ciappara u Fra Walter Vassallo tkellmu dwar l-esperjenza li għamlu ta' l-eremitaġġ fi Sqallija.

## Konferenza tal-Lingwa Ngliża fil-Litwanja

*Bejn 16-20 ta' April 2007, il-Ministru Provinċjal Fra Paul Galea, OFM ħa sehem fis-76 Konferenża tal-Lingwa Ngliża, li saret Vilnius, il-Litwanja. Fis-Seminar li organizzat il-Provinċja fl-aħħar ta' April huwa ppreżenta lill-Aħwa tal-Provinċja dan ir-rapport.*

Minħabba li l-kunventi tal-patrijiet fil-Litwanja għadhom imħarbtin, wara l-ħakma Komunista, konna alloġjati fil-*guest house* Domus Maria, li tinsab fil-qalba tal-Belt ta' Vilnius. Fiż-żmien din kienet kunvent tal-patrijiet Tereżjani u llum hija mmexxija mid-Djoċesi.

Wara l-approvazzjoni tal-minuti ta' l-aħħar laqgħa, kull Ministru Provinċjal ippreżenta relazzjoni qasira tas-sitwazjoni tal-provinċja tiegħu. Bħalissa kulħadd għaddej b'attivitajiet ta' preparazzjoni għall-anniversarju ta' l-approvazzjoni tar-Regula Franġiskana. Għajr l-Irlanda, bħalissa tidher li l-problema ta' l-abbużi sesswali naqset xi ftit.

Is-seminar ta' ġurnata tmexxa minn Fra Joseph Chinnici, ofm, mill-Provinċja ta' Santa Barbara, Kalifornja, USA, li huwa wieħed mill-esperti ta' l-Ordni f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ispiritwalita' frangiskana. Kellimna dwar "Il-Missjoni tas-sejħa Franġiskana fi ħdan fraternita' ta' saċerdoti u lajċi.



***ikompli paġna 14***

# MESSAĠĠ TAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA BENDITTU XVI GĦALL-JUM DINJI TA' TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET

*Tema: Il-vokazzjoni għas-servizz tal-Knisja-komunjoni*



Aħwa venerabbli fl-Episkopat, għeżież ħuti! Il-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet, li niċċelebraw kull sena, joffri okkażjoni tajba biex inressqu 'l quddiem l-importanza tal-vokazzjonijiet fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja, kif ukoll biex nintensifikaw it-talb tagħna ħalli jkun hawn żjieda fin-numru u fil-kwalità ta' vokazzjonijiet. Għaċ-ċelebrazzjonijiet li ġejjin, nixtieq niġbed għall-attenzjoni tal-poplu kollu ta' Alla din it-tema, li issa hi aktar attwali minn qatt qabel: *il-vokazzjoni għas-servizz tal-Knisja bħala komunjoni.*

Is-sena li għaddiet, fl-udjenzi ġenerali ta' nhar t'Erbgħa, kont bdejt serje ġdida ta' katekeżi indirizzati lejn ir-relazzjoni bejn Kristu u l-Knisja. Indikajt li l-ewwel komunità Kristjana inbniet, fil-qalba oriġinali tagħha, meta xi sajjieda mill-Galilija, wara li ltaqgħu ma' Ġesù, ħallew lilhom infushom jintrebħu mill-ħarsa u l-leħen tiegħu, u aċċettaw is-sejħa persistenti tiegħu: "Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda tal-bnedmin!" (Mk 1, 17; ara wkoll Mt 4, 19). Fil-fatt, Alla dejjem għażel lil xi wħud biex jaħdmu miegħu b'mod aktar dirett, biex iwettaq il-pjan tas-salvazzjoni. Fit-Testment l-Antik, fil-bidu, huwa sejjaħ lil Abraham biex jifforma "ġens kbir" (Ġen 12, 2); wara dan sejjaħ lil Mosè biex jeħles lil Israel mill-jasar ta' l-Eġittu (ara Eż 3, 10). Kompla billi għażel persuni oħra, speċjalment il-profeti, biex iħarsu u jżommu ħaj il-patt mal-poplu. Fit-Testment il-Ġdid, Ġesù, il-Messija mwiegħed, stieden lil kull wieħed mill-Appostli biex ikun miegħu

(ara Mk 3, 14) u biex ikollu sehem mill-missjoni tiegħu. Fl-Aħħar Ċena, waqt li fdalhom id-dmir li jkomplu l-memorjal tal-mewt u l-qawmien tiegħu sal-miġja glorjuża tiegħu fl-aħħar taż-żmien, huwa offra għalihom lil Missier din it-talba b'qalbu maqsuma: "Jiena għarrafthom ismek u għad ngħarrafhulhom iżjed, biex l-imħabba li biha ħabbejtni tkun fihom u jiena fihom" (Ġw 17, 26). Il-missjoni tal-Knisja, għalhekk, hija mwaqqfa fuq rabta u komunjoni intima u fidila ma' Alla.

Il-Kostituzzjoni *Lumen Gentium* tal-Konċilju Vatikan II, meta tiddeskrivi l-Knisja bħala "poplu magħmul ħaġa waħda fl-unità tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu" (nru 4), tfisser li dan il-poplu jirrifletti l-qalba tal-misteru ta' Alla. Fi kliem ieħor, l-imħabba tat-Trinità tidher tirrifletti fil-Knisja. Bħala riżultat tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, il-membri kollha tal-Knisja jiffurmaw "ġisem wieħed u ruħ waħda" fi Kristu. Dan il-poplu, mibni u strutturat b'mod organiku taħt it-tmexxija tar-Rgħajja tiegħu, jgħix il-misteru ta' komunjoni ma' Alla u ma' l-aħwa, b'mod speċjali meta jinġabar għall-Ewkaristija. L-ewkaristija hija s-sors ta' dik l-unità ekkleżjali li għaliha talab Ġesù awl il-lejl qabel ma bata: "Missier ... li jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Ġw 17, 21). Hija komunjoni mħeġġa bħal din li għandha tkabbar vokazzjonijiet ġenerużi għas-servizz tal-Knisja: il-qalb ta' min jemmen, mimlija b'imħabba divina, titqanqal biex tiddedika lilha nfisha kollha kemm hi, għall-bini tas-Saltna. Biex jitrawmu l-vokazzjonijiet, mela, huwa mportanti li fil-ħidma pastorali tingħata attenzjoni lill-misteru tal-Knisja bħala komunjoni; dan għaliex il-membri li jgħixu f'komunità ekkleżjali li fiha jispikkaw l-armonija, il-ko-responsabbiltà u l-imġieba kuxjenzjuża, żgur li se jsibuha aktar faċli li jagħrfu s-sejħa tal-Mulej. Il-kura tal-vokazzjonijiet, għalhekk, titlob "edukazzjoni" kontinwa għas-smigħ tal-vuċi ta' Alla. Hekk għamel Għeli, meta għen liż-żagħżugħ Samwel biex jifhem dak li Alla kien qed jgħidlu u minnufih iqiegħed fil-prattika il-kelma li rċieva (ara 1 Sam 3, 9). Issa smigħ bħal dan, b'qalb doċli u fidila, jista' jseħħ biss fi klima ta' komunjoni intima ma' Alla, li tinħoloq prinċipalment bit-talb. Skond il-kmand ċar li tana l-Mulej, irridu nitolbu bil-ħerqa għad-don ta' aktar vokazzjonijiet, fuq kollox billi nirrikorru flimkien u bla heda għand "Sid il-ħsad". L-istedina hawn qed issirilna fil-plural: "Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Mt 9, 38). Din l-istedina tal-Mulej taqbel ferm ma' l-istil li nsibu fit-talba tal-"Missierna" (Mt 6, 9), talba li għallimna hu stess u li, skond espressjoni magħrufa ta' Tertulljanu, tipprovdilna "sintesi sħiħa tal-Bxara t-Tajba" (ara *De Oratione*, 1, 6: CCL I, 258). Hemm espressjoni oħra ta' Ġesù li minnha nistgħu inkomplu nitgħallmu aktar: "Jekk tnejn minnkom fuq l-art jgħollu leħinhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri li hu fis-smewwiet, jagħtihielhom" (Mt 18, 19). Ir-Ragħaj it-Tajjeb, mela, jistedinna nitolbu lil Missierna tas-sema, li nitolbu magħqudin flimkien u b'insistenza, li jibgħat vokazzjonijiet għas-servizz tal-Knisja-komunjoni.

Mill-ħażna ta' esperjenza pastorali ta' sekli sħaħ, il-Konċilju Vatikan II ried jemfasizza l-importanza li saċerdoti futuri jitgħallmu l-komunjoni ekkleżjali awtentika. F'dan id-dawl, fi *Presbyterorum Ordinis* naqraw: "Waqt li jeżerċitaw il-ministeru ta' Kristu, ir-ragħaj u r-ras, skond is-sehem tagħhom fl-awtorità tiegħu, is-saċerdoti, f'isem l-Isqof, jiġbru flimkien il-familja t'Alla bħala xirka animata minn spirtu wieħed. Bi Kristu jmexxihom, fl-Ispirtu s-Santu, lejn Alla l-Missier" (nru 6). L-Eżortazzjoni Appostolika post-sinodali *Pastores dabo vobis* ittenni dan l-istess ħsieb tal-Konċilju, meta tenfasizza li saċerdot huwa "l-qaddej tal-Knisja-

komunjoni għaliex – f'għaqda ma' l-Isqof u f'relazzjoni intima ma' ħutu saċerdoti – hu jibni l-għaqda tal-komunità tal-Knisja billi jgħaqqad flimkien f'armonija sħiħa l-ħafna vokazzjonijiet, kariżmi u servizzi" (nru 16). Fi ħdan il-poplu t'Alla huwa indispensabbli li kull ministeru u kull kariżma tkun indirizzata lejn komunjoni sħiħa; huwa d-dmir ta' l-Isqof u s-saċerdoti li jinkuraġġixxu din il-komunjoni, fi qbil ma' kull vokazzjoni u servizz ieħor fil-Knisja. Il-ħajja konsagrata, min-natura tagħha stess, hija wkoll għas-servizz ta' din il-komunjoni, kif jemfasizza l-predeċessur venerabbli tiegħi Ġwanni Pawlu II fl-Eżortazzjoni Appostolika post-sinodali *Vita consecrata*: "Il-ħajja konsagrata għandha ċertament tingħata l-mertu li għenet biex jinżamm ħaj fil-Knisja, b'mod effettiv, il-kmandament ta' l-imħabba bħala mod ta' xhieda għat-Trinità. Il-ħajja konsagrata, waqt li bla heda pproponiet l-imħabba fraterna u anke l-għixien flimkien f'komunità, turina ċar li huwa meta nipparteċipaw f'din il-komunjoni Trinitarja li jinbidlu r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin u tinħoloq tip ġdid ta' solidarjetà" (nru 41).

Fil-qofol ta' kull komunità Kristjana hemm l-Ewkaristija, l-għajn u l-quċċata tal-ħajja kollha tal-Knisja. Kull min iqiegħed lilu nnifsu għas-servizz tal-Bxara t-Tajba, jekk jgħix l-Ewkaristija, jikber fl-imħabba t'Alla u tal-proxxmu, u b'hekk ikun qed jgħin fil-bini tal-Knisja bħala komunjoni.

## Għeżież ħuti, lilkom li l-Mulej sejjaħ għal vokazzjonijiet partikolari fi-Knisja

Hija din "l-Imħabba Ewkaristika" li timmotiva u tifforma l-bażi tal-ħidma vokazzjonali tal-Knisja kollha. Dan nistgħu narawh għaliex, bħalma ktibt fl-Enċiklika *Deus caritas est*, vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ministeri u s-servizzi l-oħra, joktru fi ħdan il-poplu t'Alla kull fejn hemm dawk li fihom jista' jidher Kristu fil-Kelma tiegħu, fis-sagramenti u, speċjalment, fl-Ewkaristija. Dan jiġri peress li "fil-Liturġija tal-Knisja, fit-talb tagħha, fil-komunità ħajja ta' dawk li jemmnu, aħna nesperjenzaw l-imħabba t'Alla, nilmħu l-preżenza tiegħu u b'hekk nitgħallmu nagħrfu dik il-preżenza fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Hu ħabbna l-ewwel u hekk jibqa' jagħmel; aħna wkoll, mela, għandna nwieġbu b'imħabba" (nru 17).

Fl-aħħarnett, induru lejn Marija, li wieżnet l-ewwel komunità fejn "lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien" (Atti 1, 14), sabiex tkun hi li tgħin lill-Knisja fid-dinja tal-lum biex tkun ikona tat-Trinità, sinjal elokwenti ta' l-imħabba divina lejn il-poplu kollu. Inħallu lil din il-Verġni, li minnufih wieġbet għas-sejħa tal-Missier bil-kliem: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej" (Lq 1, 38), tinterċedi għalina sabiex il-poplu kollu Nisrani ma jkunx nieqes minn qaddejja ta' ferħ divin: saċerdoti li, f'komunjoni ma' l-Isqfijiet tagħhom, iħabbru l-Bxara t-Tajba fedelment u jiċċelebraw is-sagramenti, jieħdu ħsieb il-poplu t'Alla, lesti biex jevanġelizzaw l-umanità kollha. Nitolbuha tiżgura li fi żmienna wkoll jikber in-numru ta' persuni konsagrati, li jmorru kontra l-kurrent, waqt li jgħixu l-faqar, il-kastità u l-ubbidjenza, u b'mod profetiku jagħtu xhieda ta' Kristu u l-messaġġ tiegħu ta' salvazzjoni u ħelsien.

Għeżież ħuti, lilkom li l-Mulej sejjaħ għal vokazzjonijiet partikolari fi-Knisja: nixtieq nafdakom b'mod speċjali lil Marija, biex hi, li aktar minn kulħadd għarfet it-tifsira tal-kliem ta' Ġesù, "Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma t'Alla u jagħmlu li jgħid Hu" (Lq 8, 21), tgħallimkom tisimgħu lil Binha divin. Hija tgħinkom tgħidu bil-ħajja tagħkom kollha: "Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, O Alla" (ara Lhud 10, 7). B'dawn ix-xewqat, niżgura lil kull wieħed u waħda minnkom post speċjali fit-talb tiegħi u minn qalbi nberikkom ilkoll.

# Ġabra fil-qosor ta' l-Eżortazzjoni Apostolika "Sacramentum Caritatis" tal-Papa Benedittu XVI

Id-Dokument, li jġib id-data tat-22 ta' Frar, festa tal-Katedra ta' San Pietru u li huwa frott tal-Assemblea Sinodali li nżammet ġewwa Ruma bejn it-2 u 23 ta' Ottubru 2005, ġie ppubblikat fil-lingwa latina, taljana, ingliża, franċiża, spanjola, tedeska, portugiża u polakka.

L-Eżortazzjoni Appostolika "tkompli is-serje ta' dokumenti kbar dwar is-sagrament sublimi ta' l-Ewkaristija, bħalma huma, per eżempju, dawk tal-Qaddej t'Alla Ġwanni Pawlu II "Ecclesia de Eucharistia" u "Mane nobiscum Domine". Is-"Sacramentum Caritatis" issib postha f'din il-kontinwita' u fl-istess ħin tipproponi mill-ġdid b'mod aġġornat xi veritajiet essenzjali tad-duttrina ewkaristika, filwaqt li tħeġġeġ għall-ċelebrazzjoni dinjituża tar-rit sagru, u tfakkar il-ħtieġa urġenti li twettaq ħajja ewkaristika fil-ħajja ta' kull jum".

Id-Dokument, filwaqt li jippreżenta b'mod aċċessibbli għall-bniedem ta' llum il-veritajiet kbar dwar il-fidi ewkaristika, jittratta l-aspetti varji ta' attwalita' fiċ-ċelebrazzjoni tiegħu u jħeġġeġ għal impenn imġedded fil-bini ta' dinja dejjem iżjed ġusta u ta' paċi li fiha l-Ħobż maqsum għall-ħajja ta' kulħadd isir kullma jmur kawża eżemplari fil-ġlieda kontra l-ġuħ u kontra kull tip ta' faqar.

It-titlu ta' l-Eżortazzjoni Appostolika "Sacramentum Caritatis" u l-insistenza tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, f'dawn is-sentejn tal-pontifikat, fuq il-verita' ta' l-imħabba jgħid biċ-ċar li ninsabu quddiem wieħed mit-temi kruċjali li fuqu jimbena l-ġejjieni tal-Knisja u ta' l-umanita'.

L-Eżortazzjoni isserraħ fuq ir-rabta li ma tinħallx ta' tliet aspetti: 'Misteru ewkaristiku, azzjoni liturġika u l-kult ġdid spiritwali'" u tirriżulta mibnija fi tliet partijiet, kull waħda minn dawn il-partijiet japprofondixxi waħda mit-tliet dimensjonijiet ta' l-Ewkaristija (...) 'Ewkaristija, misteru li għandu jitwemmen', 'Ewkaristija, misteru li għandu jiġi ċelebrat' u 'Ewkaristija, misteru li għandu jiġi mgħajjex'.

It-tagħlim tal-Qdusija Tiegħu l-Papa juri biċ-ċar kif l-azzjoni liturġika (misteru li għandu jiġi ċelebrat) għandha tkun dik l-azzjoni speċifika li tagħmilha possibbli l-konformazzjoni tal-ħajja nisranija (misteru li jrid jiġi mgħajjex, kult ġdid) minn naħa tal-fidi (misteru li għandu jitwemmen).

Benedittu XVI bit-"tieni novita' dottrinali ta' importanza liema bħala" jisħaqq fuq l-importanza ta' l-ars celebrandi (arti li tiċċelebra) għall-'actuosa partecipatio' (parteċipazzjoni attiva, li tagħti ħafna frott).

Fl-ewwel parti, "Ewkaristija, misteru li għandu jitwemmen" "jitkellem dwar il-misteru ta' l-Ewkaristija sa mill-oriġini tagħha trinitarja li tassigura il-karattru dejjiemi ta' rigal. (...) F'dan it-tagħlim jinstabu l-għeruq profondi ta' dak li l-Ewkaristija tgħallem dwar l-adorazzjoni u r-rapport intrinisiku maċ-ċelebrazzjoni ewkaristika".

Fir-rit ma nirrepetux l-att kronoloġiku li hemm fl-Aħħar Ċena ta' Ġesu', iżda niċċelebraw l-Ewkaristija bħala l-"ġdid" radikali tal-kult nisrani. Ġesu' jsejħilna sabiex nidħlu fl-istess siegħa tiegħu, il-misteru tal-mewt u tal-qawmien, prinċipju

innovattiv ta' trasformazzjoni (...) ta' l-istorja kollha kif ukoll ta' l-univers kollu.

L-Ewkaristija u l-Knisja, il-Papa jisħaq li l-"Ewkaristija hija l-'prinċipju każwali' tal-Knisja: "f'kull ċelebrazzjoni nistqarru l-primat tad-don ta' Kristu. L-influss każwali ta' l-Ewkaristija fl-oriġini tal-Knisja juri b'mod definittiv il-preċedenza mhux biss kronoloġika iżda wkoll ontoloġika tal-fatt li kien Hu l-'ewwel' li ħabbna. (...)

Il-Papa Benedittu XVI, filwaqt li jafferma iċ-ċirkolarita' bejn l-Ewkaristija li tibni l-Knisja u l-Knisja stess li tiċċelebra l-Ewkaristija, iwettaq għażla maġisterjali sinifikattiva għall-primat tal-każwalita' ewkaristika fuq dik ekkleżjali".

Fit-taqsima "L-Ewkaristija u s-settenarju sagramentali" il-Papa jikteb li "l-Ewkaristija Mqaddsa twassal sal-milja l-inizjazzjoni nisranija u tqiegħed lilha nfisha ċentru u skop tal-ħajja sagramentali kollha kemm hi". Il-Papa jilmaħ f'dan il-kuntest is-sentimenti ta' l-inizjazzjoni nisranija u ir-"rispett lejn is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni (...) jinsisti fuq l-ħtieġa ta' akkwist mill-ġdid tal-pedagoġija tal-konverżjoni li toħroġ mill-Ewkaristija", mentri "l-Griżma tal-Morda u l-Vjatku qaddis joffru lill-fidili il-possibilta' li jorbtu 'lil-batut ma' l-offerta li Kristu għamel tiegħu nnifsu għas-salvazzjoni ta' kulħadd'".

Il-karattru insostitwibbli "tas-saċerdozju ministerjali għaċ-ċelebrazzjoni valida tal-Quddiesa" jiġi mtenni mill-ġdid fit-taqsima "Ewkaristija u l-Ordni" li l-Papa "jafferma mill-ġdid u jipprofondixxi ir-relazjoni bejn l-ordinazzjoni saċerdotali u ċ-ċelibat: 'Bil-kundizzjoni li fir-rispett tal-prassi differenti u t-tradizzjoni orjentali, huwa meħtieġ li wieħed jisħaq fuq is-sens profond taċ-ċelibat saċerdotali, miżmum ġustament bla rikkezza li ma tistax titkejjel".

It-tnaqqis numeriku tal-kleru, li nsibu f'xi kontinenti, għandu jiġi affrontat qabel xejn bix-xhieda tas-sbuħija tal-ħajja saċerdotali, (...) b'formazzjoni vokazzjonali meqjusa.

Fit-taqsima "Ewkaristija u Żwieġ", il-Papa jfakkar li l-"Ewkaristija sagrament sponsali per eċċellenza, 'jikkorrobora b'mod li ma jispiċċa qatt l-għaqda u l-imħabba li ma tinħallx ta' kull Żwieġ nisrani".

Filwaqt li jitlaq mill-karattru nuzjali ta' l-Ewkaristija, il-Papa Benedittu XVI jerġa' jsemmi mill-ġdid it-tema ta' l-uniċita' taż-żwieġ nisrani, billi jirreferi għall-problema tal-poligamija, u għall-indissolubbilita' tar-rabta taż-żwieġ.

L-Eżortazzjoni tagħti suġġerimenti pastorali dwar dawk l-imgħammdin li jinsabu għaddejjin minn sitwazzjoni doloruża li jkunu ċċelebraw is-sagrament taż-żwieġ u li imbagħad iddivorzjaw u daħlu għal żwieġ ġdid. L-Eżortazzjoni wara li saħqet li dawn, 'minkejja is-sitwazzjoni tagħhom, jibqgħu jappartienu lill-Knisja, li ssegwihom b'attenzjoni speċjali' (n.29), tagħmel lista ta' modalitajiet ġodda ta' parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunita' ta' dawn il-fidili, li minkejja li ma jirċevux it-Tqarbin, jistgħu b'hekk jadattaw għalihom stil nisrani tal-ħajja".

Benedittu XVI jagħti forma sħiħa lis-suġġeriment ta' l-Isqfijiet Sinodali dwar is-sitwazzjoni ta' dawk li, filwaqt li jkunu ċċelebraw validament iż-żwieġ, minħabba kundizzjonijiet objettivi jsibu lilhom infushom f'sitwazzjoni li ma jistgħux iħollu l-irbit ġdid tal-kuntratt, li filwaqt li jipproponilhom, b'għajnuna pastorali adegwata, jimpenjaw ruħhom li 'jgħixu ir-relazzjoni tagħhom skond l-eżiġenzi tal-Liġi ta' Alla, bħala aħwa'.

It-Tieni Parti tad-Dokument: "Ewkaristija, misteru li jrid jiġi ċelebrat" "juri t-twettiq ta' l-azzjoni liturġika fiċ-ċelebrazzjoni filwaqt li juri l-elementi li jixirqilhom approfondiment ikbar u fl-istess ħin joffri suġġerimenti pastorali mill-iżjed importanti".

Dwar il-priinċipju tas-"sbuħija intrinsika tal-liturġija", il-Papa jagħti ċerti indikazzjonijiet "dwar ir-rikkezza tas-sinjali liturġiċi (skiet, ilbies, ġesti:



jagħti bidu għall-ħajja ġdida fina u f'forma ta' l-eżistenza nisranija".

Sa mill-ewwel versi ta' l-Eżortazzjoni, il-Papa Benedittu XVI jtenni mill-ġdid (...) li d-don ta' l-Ewkaristija huwa għall-bniedem, u jwieġeb għall-istennija tal-bniedem. (...) Fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristija, l-insara jiltaqgħu

li toqgħod bil-wieqfa, għarkobbtejk ...), għall-arti mqegħda għas-servizz taċ-ċelebrazzjoni" u jfakkar li t-Tabernaklu għandu jiġi mqiegħed fil-Knejjes f'post li jkun jidher sewwa, anke permezz ta' lampa ta' dawl dejjiemi. L-unita' bejn Misteru ewkaristiku, azzjoni liturġika u kult spiritwali ġdid "jidher evidenti meta l-Papa jiddeskrivi il-kundizzjonijiet personali għall-'actuosa partecipatio'".

L-Eżortazzjoni "dejjem biex tiffavorixxi parteċipazzjoni attiva mill-iżjed adegwata (...) tieqaf fuq ċerti aspetti pastorali partikulari - l-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, l-attenzjoni lill-morda u lill-persuni b'diżabbilita', lill-ħabsin u lill-immigranti; il-konċelebrazzjonijiet kbar u l-liturġiji ewkaristiċi fi gruppi żgħar - u tipproponi l-użu iktar normali tal-lingwa latina, speċjalment fiċ-ċelebrazzjonijiet internazzjonali kbar, mingħajr ma titraskura il-piż tal-kant gregorjan".

Il-Papa jitkellem mill-ġdid dwar 'l-unita' intrinsika tar-rit tal-Quddiesa', li għandu jiġi muri anke bil-mod ta' kif tiġi kurata il-liturġija tal-Kelma. Isemmi mill-ġdid "il-qawwa notevoli edukattiva għall-ħajja tal-Knisja, fuq kollox fid-diffikulta' storika ta' llum, tal-preżentazzjoni tad-doni, tal-bdil tal-paċi u ta' l-'Ite missa est'. Il-Papa jafda l-istudju ta' tibdiliet possibbli dwar dawn l-aħħar żewġ punti, f'idejn Dikasteri kompetenti".

Fit-Tielet u l-aħħar taqsima ta' l-Eżortazzjoni Appostolika turi l-kapaċita' tal-misteru emmnut u ċelebrat li jibni l-orizzont aħħari u definittiv ta' l-eżistenza nisranija: 'il-misteru 'emmnut' u 'ċelebrat' (jiġbor fih dinamiżmu li ma' Alla l-ħaj u li kapaċi jsalvalhom ruħhom. U din is-salvazzjoni għandha bħala l-kelliemi tagħha l-liberta' umana. Huwa jikteb hekk: "huwa proprju minħabba l-fatt li Kristu għamel lilu nnifsu ikel tal-Verita', il-Knisja ddur fuq il-bniedem, billi jistieden biex jilqa' liberament id-don ta' Alla". "Ir-rilevanza antropoloġika ta' l-Ewkaristija toħroġ bil-qawwa kollha tagħha fil-kult il-ġdid karatteristiku tan-nisrani. (...). Fuq il-bażi ta' l-azzjoni ewkaristika kull ċirkustanza ta' l-eżistenza ssir biex ngħidu hekk 'sagramentali'. (...) Maħluq mill-ġdid permezz tal-magħmudija u inkorporat ewkaristikament mal-Knisja l-bniedem jista' sa fl-aħħar jilħaq il-milja tiegħu nnifsu, billi jitgħallem joffri 'il-ġisem proprju tiegħu' - jiġifieri lilu nnifsu kollu kemm hu - bħala

sagrifiċċju ħaj u qaddis u mogħġub minn Alla".

Il-fidili nsara kollha huma msejħin sabiex jgħixu il-ħajja proprja tagħhom bħala vokazzjoni fuq il-pedament sod ta' l-Ewkaristija. (...) Kull bniedem li jemmen huwa għalhekk imsejjaħ għall-trasformazzjoni profonda ta' l-eżistenza tiegħu. Il-Papa jgħid: "It-trasformazzjoni morali li hija implikata fil-kult il-ġdid imwaqqaf minn Kristu, hija ġibda u xewqa kordjali li għandha tikkorrispondi għall-imħabba tal-Mulej bl-esseri tagħha kollha, anke fl-għarfien tal-fraġilita' proprja".

Ir-responsabbilta' ta' l-insara li jimlew inkarigi pubbliċi u politiċi għandha ċertu importanza meta wieħed iħares lejha minn din l-ottika: (...) il-politiċi u l-leġislaturi kattoliċi għandhom "jippreżentaw u jsaħħu liġijiet ispirati mill-valuri mibnija fuq in-natura umana. Dan għandu rabta oġġettiva ma' l-Ewkaristija".

Fit-Taqsima tad-Dokument imsejjaħ "Xhieda bħala forma tal-missjoni" naqraw: "L-ewwel u l-missjoni fundamentali li tasal għandna mill-Misteri qaddisa li aħna niċċelebraw hija li nagħtu xhieda permezz tal-ħajja tagħna". "L-Eżortazzjoni" tirrakkomanda b'mod ħaj lil kulħadd, iżda b'mod speċjali lil-lajċi fidili, li 'jikkoltivaw ix-xewqa li l-Ewkaristija tidħol dejjem iżjed fil-fond fl-eżistenza ta' kuljum tagħhom, billi twassalhom sabiex ikunu xhieda magħrufa fl-ambjent proprju tax-xogħol u tas-soċjeta' kollha.

Id-Dokument ma joqgħodx itella' u jniżżel biex jistqarr li l-Ewkaristija timbotta lil kull min jemmen ... sabiex jagħmel lilu nnifsu 'ħobż maqsum' għall-oħrajn, u għalhekk li jimpenja lilu nnifsu għal dinja iżjed ġusta u iżjed fraterna.

Filwaqt li jisħaq li ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika 'timplika l-offerta tal-ħobż u ta' l-imbid, frott ta' l-art, tad-dielja u tal-ħidma tal-bniedem", it-tema tal-ħarsien tal-ħolqien huwa żviluppat u approfondit f'relazzjoni mal-pjan tajjeb ta' Alla fuq il-ħolqien kollu. Ir-realta' mhix biss sempliċiment materja newtrali esposta għall-manipolazzjoni tekniku-xjentifika, iżda hija mixtieqa minn Alla fid-dawl tar-rikapitolazzjoni fi Kristu tal-ħwejjeġ kollha. Minn hawn toħroġ ir-responsabbilta'; għall-ħarsien tal-ħolqien proprju tan-nisrani mgħejjex mill-Ewkaristija.

Fl-awtentiċita' tal-fidi u tal-kult ewkaristiku jinstab is-sigriet ta' bidu mill-ġdid tal-ħajja nisranija kapaċi li tiġġenera mill-ġdid il-Poplu ta' Alla. Fil-misteru ta' l-Ewkaristija Divina, l-Ewkaristija tiftaħ beraħ l-aċċess għar-realta' ta' Alla li hu imħabba.

Fl-Ewwel Parti u fil-konklużjoni ta' l-Eżortazzjoni Appostolika, il-Papa Benedittu XVI jisħaq li : " F'Marija Santissima naraw perfettament tiġi attwata anke l-modalita' sagramentali li biha Alla jilħaq u jikkonvolġi fl-inizjattiva salvifika tiegħu, il-kreatura umana. Mingħandha għandna nitgħallmu li nsiru aħna stess persuni ewkaristiċi u ekkleżjali".

***Let us pray for the gift of perseverance for all priests: May they remain faithful to prayer, may they celebrate the holy Mass with ever renewed devotion, may their lives always be a listening to the word of God and that day after day they assimilate the same sentiments and attitudes of Jesus the Good Shepherd.***

***Let us pray, then, for those who are preparing for the priestly office and for the instructors in the seminaries of Rome, Italy and the whole world; let us pray for the families, that they continue to allow the "seed" of the call to the ministerial priesthood to mature and blossom.***

**Pope Benedict XVI, Angelus, The World Day of Prayer for Vocations, 29.04.07.**

# Min se jgerbilna l-ġebla?

**Norbet Ellul-Vincenti, OFM**

Għadda l-Għid u waqajna koppi. Mietu xi persuni allegatament bi droga, Malta għadha ippressata bl-aħrax minn barra fuq il-qtil ta' l-għasafar, immigranti illegali jinżlu l-art. Problemi antiki. Problemi kbar. Problemi donnhom bla soluzzjoni. Donnu bqajna bid-difna mingħajr qawmien. Minn se jgerbilna l-blata lilna minn quddiemna?

Billi nwersqu ma nagħmlu xejn. Irridu ngħaddsu rasna u ngħidu li ħaddiehor għandu mnejn jagħtina għajnuna f'dawn l-affarijiet, imma aħna rridu nkunu biex nagħmlu pass 'il quddiem. Jew hekk jew nipposponu l-problema għal ta' warajna. Diżonesta'. Problemi dawn, u mingħajr soluzzjoni – imma mhux tali li ma nistgħux nieħdu passi li jweġġħu (mhux lilna biss, eh) - imma mingħajr tisliba, m'hemmx qawmien.

*Min se jgerbeb dik il-ġebla li qiegħda quddiem il-Qabar?* qalu n-nisa dakinhar il-Ħadd filgħodu meta marru jiġru lejn il-qabar, kmieni kmieni, biex jidilku kif suppost il-ġisem tal-mejjet Ġesu'? Aħna nafu x'ġara, imma ma nistgħux ma nitħassrux dawk in-nisa li jeħtieġu għajnuna.

Qisna bhal meta nilmħu mara ħdejn karrozza wieqfa bit-tajer imniżżel. *Min se jgħinna nbiddlu t-tajer?* nistħajjel nismagħħa tgħid lil seħbitha, jekk ikollha waħda.

U ta' kavallier li jien, mhux se nħallihom hemm, mingħajr ma nagħti l-għajnuna tiegħi ta' RAĠEL li jien. Arani ġej, sinjura, inbiddillek ir-rota.

Imma, għajnuna lkoll neħtiġuha xi darba. Min se jgħinna? X'għajnuna għandna f'din il-ħajja tagħna? Jien kemm-il darba sibt għajnuna, u kemm-il darba tajtha wkoll.

Fil-kas tan-nisa tal-Vanġelu, dawn kienu għadhom ma rawx id-dawl. Lanqas ma stennew li Ġesu' jerġa' jqum. Kien għad jonqos xi skoss qawwi biex huma jemmnu – speċi ta' xokk elettriku li jġiegħel il-qalb terġa' tħabbat meta tkun waqfet. Kos, kif inhu dan it-twemmin tagħna? Nemmnu u nibqgħu friski u bierda. Imbagħad meta tiġi xi waħda fuqna – qed ngħid xi waħda sew – induru lejn Alla bis-serjeta'. Imma kultant qabel ma tiġi theżżiża sewwa, ma nemmnux b'qalbna kollha, moħħna kollu, rieda, u ħajja kollha kif jixtieq Ġesu'.

Ġiet il-Ġimgħa l-Kbira u Ħadd il-Għid. Imma qomna tassew? Inbdilna? Dawn huma mistoqsijiet li rridu nistaqsu lilna nfusna. Min se jgerbilna l-ġebla li qed iżżommna? Il-ġebla li ma tħalliniex naraw dritt u sew? Il-ġebla kbira f'għajnejna?

Għax mhux biżżejjed li tmur il-Quddies u tinvista r-Redentur. Trid temmen verament u tisma' dak li jrid ir-Redentur. Ma tridx tibqa' marbut mal-kolonna tad-dnubiet tiegħek. Trid tissallab. Mingħajr tisliba, m'intix se toħroġ glorjuż mill-qabar li dħalt fih.

Skużi għandna. Jekk m'għandniex, nissellfu, nivvintaw. Imma ħafna skużi aktar juru kemm m'għandniex raġuni vera. Għandna blata, ġebla kbira quddiem qalbna. Min se jgerbilna l-ġebla?

Fil-Vanġelu Alla gerbibha bla diffikulta'. F'ħajjitna Alla gerbeb ħafna ġebel. Ħafna. Jien naf kemm. Rajt mirakli. Smajt b'ħafna iżjed. Nies li afdaw f'Alla u Alla bierek bi kbir.

Malta mimlija ġebel jaħasra. Ġebel u trab kemm trid. Ilma xejn. Kieku ngerbu ftit ġebel 'il bahar ma nagħmlux ħażin. Kieku nnadfu ftit ix-xtut fejn ngħumu minn ħafna ġebel żejjed, nagħmlu tajjeb. Kieku nneħħu ftit ġebel mill-ġonna li qed nibnu, u mir-roundabouts, u nagħmlu "fences" inkunu qed nagħmlu differenza kbira.

Kieku nħarsu lejn il-problemi nazzjonali tagħna u nintefgħu fuqhom minflok ma biss insaqsu, "Min se jgerbilna l-problemi tagħna?" - kieku noħorġu iżjed ta' rġiel.

Spiritwalment, dik il-ġebla tista' żżommna lura, jekk aħna ma rridux inrattbu rasna, nibqgħu mimlijin suppervja, ninsistu li dan mhux dnub, jew li kulħadd jagħmel hekk … jew li jien jidhirli… jew ħadd ma jindaħalli x'naħseb… jew li bħali m'hawnx.

Is-suppervja blata kbira u tqila ma jċaqlaqha ħadd; l-umilta' hija anġlu ferħan bi tbissima fuq fommu u sliem f'qalbu.

# San Ġużepp Ħaddiem

**Norbert Ellul-Vincenti, OFM**

***Hawn nies li x-xogħol ma jħallilhomx ħin għal passatemp, għall-Quddies tal-Ħadd, għall-mistrieħ tal-Ħadd – u ftit jew xejn ħin għall-familja, għaż-żwieġ, jew għat-tfal. F'min se nwaħħlu? Tort ta' min?***

Illum daħlet drawwa li kull min javvanza xi ftit fis-soċjeta' tisimgħu jiftaħar li missieru kien ħaddiem.

Tfaħħar lil missierek mhiex ħaġa ħażina, imma li tiftaħar bih, jista' jkun perikuluż. Skond xi trid tfisser. Skond jekk tridx tpinġi lilek innifsek bħal xi eroj. X'għamilt b'ħajtek jgħodd, mhux kemm int jew kont "sfortunat" f'ħajtek.

U kull min jaħdem huwa ħaddiem.

Ix-xogħol mhux biss jgħaddilek iż-żmien ta' ħajtek b'mod utli, imma jinnobilitak, jagħmlek nies, jgħinek tifhem id-dinjita' u l-utilita' tiegħek.

Ix-xogħol jista' wkoll ikissrek, jaljenak, inessik min int, jeħodlok kull skop fil-ħajja. Kif tispjega l-fatt li ħafna nies, kif jirtiraw mix-xogħol, jitgerrbu f'qasir żmien, għax ma jsibux biex jimlew il-ġurnata? Tant ikunu saru ħaġa waħda max-xogħol u baqgħu mingħajr interessi ta' xejn fil-ħajja, li kif jieqfu mix-xogħol, jitfixklu għal kollox, u jagħmlu f'qalbhom.

Tort tax-xogħol? Jew tort ta' xi ħaġa oħra?

Ix-xogħol jista' jgerfex familja u jifred il-miżżewġin. Imma t-tort ta' min hu? Tax-xogħol, jew ta' min ma jridx jaħdem bil-għaqal?

Hawn nies li x-xogħol ma jħallilhomx ħin għal passatemp, għall-quddies tal-Ħadd, għall-mistrieħ tal-Ħadd – u ftit jew xejn ħin għall-familja, għaż-żwieġ, jew ghat-tfal. F'min se nwaħħlu? Tort ta' min?

San Ġużepp huwa patrun tal-ħaddiem u tax-xogħol għax hemm bżonn li nispiritwalizzaw ix-xogħol – nevvanġelizzawh. Ix-xogħol huwa opra ta' Alla mhux tax-xitan. Mela jeħtieġ nifthu l-Vanġelu fuqu, u nbixxuh bl-ilma mbierek.

Ix-xogħol jinkwetana meta ma nsibuhx. Nuqqas ta' opportunita' ta' xogħol jinkwieta l-pajjiż. Naħdmu lkoll biex inġibu x-xogħol. Nitolbu kundizzjonijiet umani. Imma kultant xi whud jitolbu kundizzjonijiet li jkun egoisti ghax jeqirdu l-istess kundizzjonijiet tax-xoghol għall-oħrajn, jekk mhux tagħhom ukoll. Neqirdu x-xogħol meta ma nagħtux servizz tajjeb, niskartaw u nfarfru r-responsanbbilta.

Qed naraw ħafna inċidenti ta' mewt u korrimenti fuq ix-xogħol. Krejns jaqgħu bl-addoċċ. Tort ta' min? Regħba? Injoranza? Nuqqas ta' ħsieb? Nuqqas ta' responsabbilta'? Liġijiet hawn u ftit (veru ftit) inforzar ukoll. Imma hemm għalfejn toqgħod tiġri wara ħaddiema bil-frosta biex iġġiegħlhom jilbsu kif suppost u jieħdu l-prekawzjonijiet li suppost? Kemm għadna lura fl-edukazzjoni? Mur barra u ara jidhirx xi bennej mingħajr elmu u ngwanti. Ara jekk hemmx x'imkien fl-Ewropa fejn ħaddiem ta' l-iskart jiġbor il-materjal b'idejh mingħajr ingwanti. Ara jekk hemmx min jixxabbat mill-għoli mingħajr ma jintrabat. Ara jekk issibx welder x'imkien li jiwweldja mingħajr ma jgħatti għajnejh, jekk mhux Malta.

**San Ġużepp Ħaddiem**

Imma ma narawhx bħala ħaddiem li jipperikola ħajtu, li jittraskura l-familja, li m' għandux ħin ghal Alla, li ma jżurx lil familja tiegħu, li ma jilgħabx ma' xi erbat iħbieb. Ftit nafu dwaru, imma ma jidhirx estremista, solitarju, ma jridx jaf b'nies, ma jafx jiċċajta u jieħu ċajta. Il-mudell huwa mqiegħed quddiemna mill-Knisja bħala ikona li nippruvaw nixbħu.

Bl-għaraq ta' ġbinu San Ġużepp ħa ħsieb dak li talab minnu Alla – il-familja tiegħu. Hekk irridu nagħmlu aħna, u nsibu ħin għal kollox, kif suppost, biex nistgħu nimmaturaw, nieħdu nnifs kultant, u niżżu ħajr 'l Alla ta' dirgħajna ferhana.

Jeħtieġ li nieħdu x-xogħol tagħna aktar bis-serjeta' bħala xi ħaġa li tiswa għall-eternita'. Irridu nħossuna aktar responsabbli mhux biss għal saħħitna imma anke għal dik ta' ħaddiehor u ta' min iħaddimna, u għal min qed nagħtu s-servizz. Hemm bżonn inkunu aktar responsabbilizzati, aktar akkontabbli, aktar fiergħa bix-xogħol li nagħmlu. Imma rridu nifhmu wkoll li x-xogħol, mhuwiex "necessary evil" - u ma hux kollox fil-ħajja tagħna. U lanqas ma nħallu l-flus jew il-possessjonijiet tagħna jieħdu post dawk l-affarijiet aktar nobbli minnhom fil-ħajja tagħna, bħalma huma ir-rekreazzjoni, il-mistrieħ, saħħitna, il-familja, Alla, u s-sens ta' apprezzament tas-sbuħija fil-ħajja taghna.

# X'jistenna l-poplu minnkom ir-reliġjużi?

**Joyce Gulliamier**



Kieku mhux għax inħoss ċertu relazzjoni profonda ma' dak li intom tirrapreżentaw, forsi kont inkun l-anqas persuna ndikata biex inkellem lilkom. Faqar – ubidjenza – kastita'. Tlett voti li forsi għal ħafna m'għadhomx jagħmlu sens, m'għad-homx rejali. Imma dawk huma li fil-verita' jagħmlu-kom sinjali ta' dawl f'dinja li xi kultant tiddallam.

Nammetti li jien minn naħa tiegħi qabel iltqajt mal-Mulej, minn dawn it-tlett voti fir-regola tagħkom ma kontx naf xi jfissru ħlief għall-faqar. Biss il-faqar kont immissu mhux daqstant fuq livell materjali, imma b'mod mill-aktar tanġibli fl-eżistenza kollha tiegħi. Tistaqsuni, għalfejn qed nirreferi għal ħajti, meta ġejt biex nitkellem magħkom?

Sempliċiment biex tindunaw li dak li ser ngħid l-unika qawwa li għandu huwa f'dak li naf b'mod tanġibli x' jesperjenza min ibati, anke jekk minħabba għażliet ħżiena personali. U peress li naf xi jħoss dak li jbati, speċjalment spiritwalment – fil-qalb ta' l-eżistenza tiegħu, naħseb li nista' nesprimi ftit x'għandu bżonn isib.

Tlett karattri fl-Iskrittura li nirrelata u għalhekk nirrifletti fuqhom huma Marija Madalena, il-mara midinba li dilket saqajn Ġesu' biż-żejt u San Pawl.

It-tlieta huwa ndikat kemm fil-passat għexu distanti minn Alla. U t-tlieta jiġu ppreżentati li l-imħabba li żviluppat f'ħajjithom wara li ltaqgħu ma' Ġesu' kienet inkalkol-abli.

Dak li esperjenza n-nuqqas t'Alla jaf kemm hi kbira l-imħabba t'Alla u għalhekk bħali jaf kemm hu neċessarju li jasal għand dawk li jbatu għax Alla assenti fil-ħajja tagħhom. Bħal l-iben il-ħali!

Hawnhekk fejn tidħlu intom. Fejn jidħol dak li għandkom tkunu intom…jew aħjar dak li m'għandkomx tkunu… hawn ħafna madwarna – iżżejjed minn dak li m' għandkomx tkunu.

U għalhekk forsi tajjeb li nifhmu x'jiġifieri li tikkomunika? Għaliex huwa daqshekk importanti li nifhmu l'impatt li jħalli dak li n-nies jipperċepixxu minn dak li jaraw? Eżempju ta' raġel li jħobb mara jew bil-kontra jittratta ħażin quddiem in-nies. Meta tarah x'tifhem?

Mela meta n-nies jħarsu lejkom jew kwalunkwe persuna

kkonsagrata nemmen li permezz tagħkom – ta' dak kollu li intom – jew aħjar m' intomx. In-nies li trid tara u tesperjenza huwa dak li huwa divin permezz tar-relazzjoni intima li tin-bena biss b'rabta m'Alla fit-talb. Għandi ħafna tekniki x'nista' naqsam magħkom biex dan tagħmluh. Imma fil-verita' l-unika metodu rejali u permanenti u revelatorju huwa dak li jiġri bejnkom u Alla waqt il-ħin tat-talb tagħkom. Dak għożżu !

Is-sabiħ tagħkom hu li intom kollox, tagħmlu kollox – imma fl-istess waqt m'intom xejn partikolari u ma tagħmlu xejn partikolari… Il-ħajja tagħkom ma ssibx il-milja tagħha f'xi karriera jew *promotion*. Intom biss patrijiet !

Nemmen, ta' lanqas hekk inħoss li għandkom tirriflettu - dak li għandu jiġi kkomunikat lid-dinja bil-preżenza tagħkom – dak li nħoss li mingħajr ma taf għandha bżonn id-dinja mingħandkom
Li jidher li fl-epiċentru ta' ħajjitkom ma ssaltanx id-dinja – imma jsaltan Alla. Għaliex qed ngħid hekk ? Riflessjoni qasira fuq il-kultura tal-llum.

X'qed ifittex il-bniedem? Qed jaħli ħafna ħin ifittex fl-irkejjen li ma jwasslu mkien. Forsi risposti temporanji, li għall-ewwel jidhru li jeżaltawh, imma jgħaddi żmien u jsib ruħu għar minn qabel.

Dan kollu tafuh, u forsi m'hemmx għalfejn nitkellem daqstant fuqu. Imma ambivalenza kbira li ltqajt magħha meta sa ftit snin ilu kont naħdem u nsiefer ħafna, minħabba xogħol fit-turiżmu u dan beda jidher hawn ukoll iż-żieda fit-tfittxija għal irtiri spiritwali.

Mhux neċessarjament għal spiritwalita' Nisranija…imma xorta tfittxija ta' dak li l-bniedem qed iħoss nieqes. U għalhekk dak li intom huwa neċessarju għall-Knisja. Inħoss li patri fl-essenza ta' dak kollu li jirrappreżenta huwa differenti minn djoċesan.

Meta nħares lejkom naf li l-aktar minn kulħadd tridu tkunu sinjal konkret ta' kontradizzjoni – bħal ma kien San Franġisk wara kollox. L-akbar sinjal ta' konradizzjoni għal żmienu.

Biss fil-film li ħareġ m'ilux fuq ħajtu laqatni diskors ta' tbatija kbira li jagħmel lil Frangisku Papa Innoċenz III – kellu ħolma dwar raġel li kien qed iżomm b'idejh il-kolonni ta' Knisja li qed taqa'. Il-film għal minn ma rahx beda b'Franġisku rasu l-isfel iħares lejn kollox bil-maqlub u jgħid li wara kollox « e il cielo che sostiena la terra ». Dik hi l-verita' li intom tafu u li trid tasal permezz tagħkom.

U forsi llum f'ċerta aspetti l-Knisja għaddejja minn neċessita' li xi ħadd iżomm il-kolonni ta' min Hi l-Knisja – jew x'suppost hi l-Knisja. Dan kollu intom fid-dmir li tagħmluh. Għaliex qed ngħid hekk? U kif nemmen li dan jista' jsir.

Għaliex f'dinja fejn kollox ħa kull rokna u spazju ta' l-eżistenza tal-bniedem, u allura jekk kull spazju ittieħed, fejn baqgħalu biex jimraħ u jitkellem l-Ispirtu t' Alla? Intom permezz tar-regola tagħkom tatu dawl ta' kif dan l-ispazju għadu jinstab.

Kif tista' ssibu l-ispazju fejn fil-ħajja tal-bniedem tiddi l-glorja t'Alla ? Timothy Radcliffe f'kungress tal-Benedittini f'Settembru 2000, qal "Il-glorja t'Alla dejjem turi lilha nnifisha fejn ikun hemm spazju vojt". Nifhem x'ried jgħid minħabba esperjenza li kelli l-Ingilterra snin ilu.

Kont Surrey b'xogħol, u l-kumpanija li kont qed nagħmel xi xogħol magħhom kellhom uffiċċju ma' ġenb qisu xmara żgħira, bosk "wood" u waqt mixja fis-siġar kont issib ruħek viċin monasteru, u parti minn dan il-bini medjevali kienet tkun miftuħa u l-aktar ħaġa li kienet tiddi kien is-silenzju. In-

nuqqas ta' ħsejjes, in-nuqqas ta' dak kollu li hi d-dinja…

Biss żgur li ma kienx nieqes l-ispazju vojt li kien jirrifletti dak kollu li n-nies llum donnha qed tfittex….Qisu f'dak il-vojt ta' kollox kienet tinħoloq realta' fejn il-forom materjali jistabilixxu spazju sagru li huwa destinat għal adorazzjoni ta' dak li Hu Divin.

Passiġġata qasira ta' mhux aktar minn ħames minuti li irriflettitli dak kollu li nsteraq minna l-bnedmin mid-dinja tal-lum. Kemm hu kbir in-nuqqas ta' silenzju….Is-silenzju joħloq spazju essenzjali fejn fih Alla jit-kellem…Psalm 46 :10

Tajjeb li ngħid li dak li sibt f'Surrey erġajt sibtu f'xi postijiet…mhux ta' spiss, għax ġieli kien imħassar minn preżenzi oħra. Imma sibtu madwar il-kuridur tal-kunvent tagħkom…fil-kuriduri tal-knisja tagħkom fil-Belt, l-aktar meta tkun vojta…

Waqt studju żgħir li kont qed nagħmel fuq l-ispazji sagri kont ktibt dak li ħassejt fil-Knisja
< Within it is preserved the mystery of time and the aura of monastic simplicity which takes you back in time and to a sacred silence of a beautiful monastery. A sacred space where the presence of God becomes tangible. Where God the Father and Jesus the Son are one in the Holy Spirit.>. Hekk ħassejt li kelli nikteb għax hekk emmint u esperjenzajt.

Biss barra li s-silenzju joħloq spazju, hemm spazju ieħor maħluq minnkom. L-ispazju vojt fejn għandha tiddi l-Glorja t'Alla, b'dak li suppost li tirriflettu li m'intomx….

Intom taħdmu imma ħadd ma jħares lejkom u jgħid li intom karrieristi. M'għandkomx karriera… tagħmlu kollox imma m'intom xejn ħlief patrijiet.

Għandkom kollox, imma xejn m'għandu 'qabda' – hold - fuqkom. Intom liberi, kif wara kollox qal li għandna inkunu Kristu.

Jien nemmen li hekk għandha bżonnkom id-dinja. Intom m'intomx nies b'karriera, imma xorta għandkom skop primarju.

Dak li tirriflettu lil Alla mill-qalb nviżibli tal-ħajja tagħkom. Fis-soċjeta' li qed timtela b'ħafna preżenzi li jippruvaw jħal-lu l'impatt tagħhom u forsi wieħed jgħid li hemmhekk hemm bżonn li tkunu in-tom ukoll.

Imma dak li huwa l-kunvent u l-patrijiet jostru fihom verita' profonda. Aktar profonda minn dak li tistgħu tikkomunikaw f'nofs il-kaos tat-triq. Hemm xorta tistgħu twasslu l-imħabba u l-kumpassjoni. Imma mhux dak li l-aktar jagħmilkom dak li intom.

Dan għaliex inħoss li fl-aħħar mill-aħħar il-bniedem m'għandux jadura l'Alla għax hu rele-vanti, imma għax Hu Alla.

Irridu nifhmu li dak li hu mportanti mhux li Alla huwa relevanti għalina, imma li f'Alla insibu r-relevanza ta' dak kollu li aħna u li nagħmlu. Alla li jrid jipprova r-relevanza tiegħu ma jkunx Alla. F'Alla nsibu r-realta' ta' dak kollu li hu relevan-ti…iċ-ċentru li madwaru tifforma ruħha ħajjitna.

U dak li intom tatu xhieda tiegħu. F'dak kollu li m'intomx, billi tagħmlu kollux mingħajr ma tagħmlu xejn partikolari, hemm spazju wiesa fiċ-ċentru tal-ħajja tagħkom fejn jimraħ Alla. Bħal ma Alla wera' l-kobor tiegħu fid-deżert ma' Israel. Mhux daqstant meta kien maħkum, imma meta kien fil-wesgħa tad-deżert. Dak l-ispazju li għal min ifittex u jrid jara fil-fond jirnexxilu jilmaħ lemħa ta' dik li hi l-glorja t'Alla.

F'dinja li tilfet dan kollu, u qed tfittxu kullim-kien hlief fejn għandha tfittxu, hemm bżonn li INTOM tibqgħu tikkomu-nikaw dan kollu. Għax reġa' hemm bżonn dak ir-raġel ħafi, umli u kollu mħabba li jżomm il-kolonni tal-Knisja weqfin.

# informazzjoni




***ikompli mill-ewwel paġna***

Huwa bena l-argumenti tiegħu fuq il-viżjoni ta' San Franġisk u San Bonaventura. Huwa jżomm li l-Ordni Franġiskan huwa Ordni ta' reliġjużi saċerdoti u lajċi flimkien.

